**Parlament Ewropew**
2019-2024

*Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji*

**2023/0379(COD)**

11.1.2024

# ***I
# ABBOZZ TA' RAPPORT

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) 2016/1011 fir-rigward tal-ambitu tar-regoli għall-parametri referenzjarji, l-użu fl-Unjoni ta' parametri referenzjarji pprovduti minn amministratur li jinsab f'pajjiż terz, u ċerti rekwiżiti ta' rapportar (COM(2023)0660 – C9-0389/2023 – 2023/0379(COD))

Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji

Rapporteur: Jonás Fernández

## *Tifsira tas-simboli użati*

| | |
|---|---|
| * | Proċedura ta' konsultazzjoni |
| *** | Proċedura ta' approvazzjoni |
| ***I | Proċedura leġiżlattiva ordinarja (l-ewwel qari) |
| ***II | Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tieni qari) |
| ***III | Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tielet qari) |

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi ġuridika proposta mill-abbozz ta' att.)

## *Emendi għal abbozz ta' att*

**Emendi tal-Parlament f'żewġ kolonni**

It-tħassir huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tax-xellug. Is-sostituzzjoni hija indikata permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fiż-żewġ kolonni. It-test ġdid huwa indikat permezz tat-tipa korsiva u grassa fil-kolonna tal-lemin.

L-ewwel u t-tieni linji tal-intestatura ta' kull emenda jidentifikaw il-parti tat-test ikkonċernata fl-abbozz ta' att inkwistjoni. Meta emenda tirrigwarda att eżistenti, li l-abbozz ta' att ikollu l-ħsieb li jemenda, l-intestatura jkun fiha wkoll it-tielet u r-raba' linji li jidentifikaw rispettivament l-att eżistenti u d-dispożizzjoni kkonċernata f'dak l-att.

**Emendi tal-Parlament li jieħdu l-forma ta' test konsolidat**

Il-partijiet ġodda tat-test huma indikati permezz tat-tipa ***korsiva u grassa***. Il-partijiet imħassra tat-test huma indikati permezz tas-simbolu ▌ jew huma ingassati. Is-sostituzzjoni tintwera billi jiġi indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** t-test il-ġdid u billi jitħassar jew jiġi ingassat it-test sostitwit. Bħala eċċezzjoni, it-tibdil ta' natura strettament teknika magħmul mis-servizzi fil-preparazzjoni tat-test finali mhuwiex indikat.

**WERREJ**

**Paġna**

ABBOZZ TA’ RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW .....5

## ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

**dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) 2016/1011 fir-rigward tal-ambitu tar-regoli għall-parametri referenzjarji, l-użu fl-Unjoni ta' parametri referenzjarji pprovduti minn amministratur li jinsab f'pajjiż terz, u ċerti rekwiżiti ta' rapportar**
**(COM(2023)0660 – C9-0389/2023 – 2023/0379(COD))**

**(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)**

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2023)0660),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 114 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C9- 0389/2023),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 59 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji (A-9 0000/2023),

1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;

2. Jitlob lill-Kummissjoni terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tibdel il-proposta tagħha, temendaha b'mod sustanzjali jew ikollha l-ħsieb li temendaha b'mod sustanzjali;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

**Emenda 1**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Skont ir-Regolament (UE) 2016/1011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[38] , l-amministraturi kollha ta' parametri referenzjarji, irrispettivament mir-rilevanza | Skont ir-Regolament (UE) 2016/1011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[38] , l-amministraturi kollha ta' parametri referenzjarji, irrispettivament mir-rilevanza |

sistemika ta’ dawk il-parametri referenzjarji jew mill-ammont ta’ strumenti finanzjarji jew kuntratti li jużaw dawk il-parametri referenzjarji bħala rati ta’ referenza jew bħala parametri referenzjarji tal-prestazzjoni, għandhom jikkonformaw ma’ diversi rekwiżiti dettaljati ħafna, inkluż rekwiżiti dwar l-organizzazzjoni tagħhom, dwar il-governanza u l-kunflitti ta’ interess, dwar il-funzjonijiet ta’ sorveljanza, dwar id-data tal-input, dwar il-kodiċijiet ta’ kondotta, dwar ir-rapportar ta’ ksur, u dwar id-divulgazzjonijiet tad-dikjarazzjonijiet metodoloġiċi u ta’ parametru referenzjarju. Dawk ir-rekwiżiti dettaljati ħafna poġġew piż regolatorju sproporzjonat fuq l-amministraturi ta’ parametri referenzjarji iżgħar fl-Unjoni meta jitqiesu l-għanijiet tar-Regolament (UE) 2016/1011, jiġifieri li tiġi ssalvagwardjata l-istabbiltà finanzjarja u li jiġu evitati konsegwenzi ekonomiċi negattivi li jirriżultaw min-nuqqas ta’ affidabbiltà tal-parametri referenzjarji. Għalhekk huwa meħtieġ li jitnaqqas dak il-piż regolatorju billi ssir enfasi fuq dawk il-parametri referenzjarji bl-akbar rilevanza ekonomika għas-suq tal-Unjoni, jiġifieri l-parametri referenzjarji sinifikanti u ta’ importanza kritika, u fuq dawk il-parametri referenzjarji li jikkontribwixxu għall-promozzjoni ta’ politiki ewlenin tal-Unjoni, jiġifieri l-Parametri Referenzjarji tat-Tranżizzjoni Klimatika tal-UE ***u l-Parametri*** Referenzjarji tal-UE allinjati mal-Ftehim ta’ Pariġi. Minħabba dik ir-raġuni, il-kamp ta’ applikazzjoni tat-Titoli II, III, IV u VI tar-Regolament (UE) 2016/1011 jenħtieġ li jitnaqqas għal dawk il-parametri referenzjarji speċifiċi.

sistemika ta’ dawk il-parametri referenzjarji jew mill-ammont ta’ strumenti finanzjarji jew kuntratti li jużaw dawk il-parametri referenzjarji bħala rati ta’ referenza jew bħala parametri referenzjarji tal-prestazzjoni, għandhom jikkonformaw ma’ diversi rekwiżiti dettaljati ħafna, inkluż rekwiżiti dwar l-organizzazzjoni tagħhom, dwar il-governanza u l-kunflitti ta’ interess, dwar il-funzjonijiet ta’ sorveljanza, dwar id-data tal-input, dwar il-kodiċijiet ta’ kondotta, dwar ir-rapportar ta’ ksur, u dwar id-divulgazzjonijiet tad-dikjarazzjonijiet metodoloġiċi u ta’ parametru referenzjarju. Dawk ir-rekwiżiti dettaljati ħafna poġġew piż regolatorju sproporzjonat fuq l-amministraturi ta’ parametri referenzjarji iżgħar fl-Unjoni meta jitqiesu l-għanijiet tar-Regolament (UE) 2016/1011, jiġifieri li tiġi ssalvagwardjata l-istabbiltà finanzjarja u li jiġu evitati konsegwenzi ekonomiċi negattivi li jirriżultaw min-nuqqas ta’ affidabbiltà tal-parametri referenzjarji. Għalhekk huwa meħtieġ li jitnaqqas dak il-piż regolatorju billi ssir enfasi fuq dawk il-parametri referenzjarji bl-akbar rilevanza ekonomika għas-suq tal-Unjoni, jiġifieri l-parametri referenzjarji sinifikanti u ta’ importanza kritika, u fuq dawk il-parametri referenzjarji li jikkontribwixxu għall-promozzjoni ta’ politiki ewlenin tal-Unjoni, jiġifieri l-Parametri Referenzjarji tat-Tranżizzjoni Klimatika tal-UE***, il-Parametri*** Referenzjarji tal-UE allinjati mal-Ftehim ta’ Pariġi ***u l-Parametri Referenzjarji tal-ESG***. Minħabba dik ir-raġuni, il-kamp ta’ applikazzjoni tat-Titoli II, III, IV u VI tar-Regolament (UE) 2016/1011 jenħtieġ li jitnaqqas għal dawk il-parametri referenzjarji speċifiċi.

---

[38] Ir-Regolament (UE) 2016/1011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta’ Ġunju 2016 dwar l-indiċi użati bħala parametri referenzjarji fi strumenti finanzjarji u kuntratti finanzjarji jew dwar il-kejl tal-prestazzjoni ta’ fondi ta’

[38] Ir-Regolament (UE) 2016/1011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta’ Ġunju 2016 dwar l-indiċi użati bħala parametri referenzjarji fi strumenti finanzjarji u kuntratti finanzjarji jew dwar il-kejl tal-prestazzjoni ta’ fondi ta’

investiment u li jemenda d-Direttivi 2008/48/KE u 2014/17/UE u r-Regolament (UE) Nru 596/2014 (ĠU L 171, 29.6.2016, p. 1).

investiment u li jemenda d-Direttivi 2008/48/KE u 2014/17/UE u r-Regolament (UE) Nru 596/2014 (ĠU L 171, 29.6.2016, p. 1).

Or. en

**Emenda 2**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 2a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(2a) L-amministraturi tal-parametri referenzjarji li jixtiequ jibqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2016/1011 jenħtieġ li jkollhom l-għażla li jitolbu superviżjoni volontarja anki jekk il-parametri referenzjarji tagħhom ma jissodisfawx il-livell limitu ta' parametru referenzjarju sinifikanti jew ma jkunux iddiżinjati bħala sinifikanti. Bl-istess mod, l-amministraturi tal-parametri referenzjarji li jixtiequ jiksbu liċenzja regolatorja skont ir-Regolament (UE) 2016/1011 fejn il-parametri referenzjarji tagħhom ma jissodisfawx il-livell limitu sinifikanti jenħtieġ li ma jkunux ipprojbiti milli jagħmlu dan.*** |

Or. en

**Emenda 3**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (4) Skont l-Artikolu 19d tar-Regolament (UE) 2016/1011, l-amministraturi ta' parametri referenzjarji sinifikanti huma meħtieġa jagħmlu ħilithom biex ***sal-1 ta' Jannar 2022*** | (4) Skont l-Artikolu 19d tar-Regolament (UE) 2016/1011, l-amministraturi ta' parametri referenzjarji sinifikanti huma meħtieġa jagħmlu ħilithom biex jipprovdu Parametru |

| | |
|---|---|
| jipprovdu Parametru Referenzjarju tat-Tranżizzjoni Klimatika tal-UE jew Parametru Referenzjarju tal-UE allinjat mal-Ftehim ta' Pariġi***. Peress li din id-data għaddiet, huwa xieraq li din id-dispożizzjoni titħassar.*** | Referenzjarju tat-Tranżizzjoni Klimatika tal-UE jew Parametru Referenzjarju tal-UE allinjat mal-Ftehim ta' Pariġi ***f'tentattiv li tiġi ffurmata provvista komprensiva ta' indiċijiet klimatiċi fl-Unjoni***. |

Or. en

**Emenda 4**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 6**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (6) L-amministraturi ta' parametri referenzjarji ***jinsabu fl-aħjar pożizzjoni biex*** jimmonitorjaw l-użu fl-Unjoni tal-parametri referenzjarji li jipprovdu***. Għalhekk jenħtieġ li*** jinnotifikaw lill-awtorità kompetenti kkonċernata jew lill-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (ESMA), skont fejn jinsab dak l-amministratur, li l-użu aggregat ta' wieħed mill-parametri referenzjarji tagħhom qabeż il-limitu stabbilit fl-Artikolu 24(1), il-punt (a), tar-Regolament (UE) 2016/1011. Sabiex ***jiġi żgurat li l-amministraturi ta' parametri referenzjarji jkollhom biżżejjed żmien biex jadattaw għar-rekwiżiti li japplikaw għal parametri referenzjarji sinifikanti, jenħtieġ li jkunu soġġetti biss għal dawk ir-rekwiżiti fi żmien 60 jum tax-xogħol wara li jkunu ppreżentaw tali notifika. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-amministraturi*** ta' parametri referenzjarji ***jipprovdu lill-awtoritajiet kompetenti kkonċernati jew lill-ESMA, fuq talba, l-informazzjoni kollha meħtieġa biex jivvalutaw l-użu aggregat ta' dak il-parametru referenzjarju fl-Unjoni. Meta amministratur ta' parametru referenzjarju jonqos jew jirrifjuta li jinnotifika li l-użu ta' wieħed mill-parametri referenzjarji tiegħu jkun qabeż il-limitu stabbilit fl-Artikolu 24(1), il-punt*** | (6) L-amministraturi ta' parametri referenzjarji ***jenħtieġ li*** jimmonitorjaw l-użu fl-Unjoni tal-parametri referenzjarji li jipprovdu ***u*** jinnotifikaw lill-awtorità kompetenti kkonċernata jew lill-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (ESMA), skont fejn jinsab dak l-amministratur, li l-użu aggregat ta' wieħed mill-parametri referenzjarji tagħhom qabeż il-limitu stabbilit fl-Artikolu 24(1), il-punt (a), tar-Regolament (UE) 2016/1011. ***Madankollu, huwa diffiċli li jiġi kkalkulat tali limitu, speċjalment li jillimita għall-kamp ta' applikazzjoni tal-Unjoni.*** Sabiex ***tiġi żgurata implimentazzjoni konsistenti ta' dawk il-limiti, l-ESMA jeħtieġ li tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi regolatorji biex tispeċifika aktar il-metodu ta' kalkolu. Id-data jeħtieġ li tkun disponibbli għall-ESMA bl-introduzzjoni ta' mekkaniżmu ta' rapportar mill-utenti tal-parametri referenzjarji u bl-inklużjoni ta' sforz/obbligu għall-amministraturi*** ta' parametri referenzjarji ***użati fl-Unjoni biex jitolbu kodiċi ta' identifikazzjoni maqbul globalment biex jidentifikaw il-parametri*** referenzjarji tagħhom**.** |

***(a), tar-Regolament (UE) 2016/1011, u meta l-awtoritajiet kompetenti jkollhom raġunijiet ċari u dimostrabbli biex iqisu li l-limitu jkun inqabeż, l-awtoritajiet kompetenti kkonċernati jew l-ESMA, kif xieraq, jenħtieġ li jkunu jistgħu jiddikjaraw li l-limitu jkun inqabeż, wara li l-ewwel ikunu taw lill-amministratur l-opportunità li jinstema'. Tali dikjarazzjoni jenħtieġ li tiskatta l-istess obbligi għall-amministratur tal-parametru referenzjarju bħal notifika mill-amministratur tal-parametru referenzjarju. Dan jenħtieġ li jkun mingħajr preġudizzju għall-kapaċità tal-ESMA jew tal-awtoritajiet kompetenti li jimponu sanzjonijiet amministrattivi fuq dawk l-amministraturi li jonqsu milli jinnotifikaw li wieħed mill-parametri*** referenzjarji tagħhom ***ikun qabeż il-limitu applikabbli***.

Or. en

**Emenda 5**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 6a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(6a) Sabiex jiġi żgurat li l-amministraturi ta' parametri referenzjarji jkollhom biżżejjed żmien biex jadattaw għar-rekwiżiti li japplikaw għal parametri referenzjarji sinifikanti, jenħtieġ li jkunu soġġetti biss għal dawk ir-rekwiżiti fi żmien 60 jum tax-xogħol wara li jkunu ppreżentaw tali notifika. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-amministraturi ta' parametri referenzjarji jipprovdu lill-awtoritajiet kompetenti kkonċernati jew lill-ESMA, fuq talba, l-informazzjoni kollha meħtieġa biex jivvalutaw l-użu aggregat ta' dak il-parametru referenzjarju fl-Unjoni.*** |

Or. en

**Emenda 6**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 6b (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***(6b) Meta amministratur ta' parametru referenzjarju jonqos milli jinnotifika lill-awtoritajiet kompetenti li l-użu ta' wieħed mill-parametri referenzjarji tiegħu jkun qabeż il-limitu stabbilit fl-Artikolu 24(1), il-punt (a), tar-Regolament (UE) 2016/1011, u meta l-awtoritajiet kompetenti jkollhom raġunijiet ċari u dimostrabbli biex iqisu li l-limitu jkun inqabeż, l-awtoritajiet kompetenti kkonċernati jew l-ESMA, kif xieraq, jenħtieġ li jkunu jistgħu jiddikjaraw li l-limitu jkun inqabeż, wara li l-ewwel ikunu taw lill-amministratur l-opportunità li jinstema'. Tali dikjarazzjoni jenħtieġ li tiskatta l-istess obbligi għall-amministratur tal-parametru referenzjarju bħal notifika mill-amministratur tal-parametru referenzjarju. Dan jenħtieġ li jkun mingħajr preġudizzju għall-kapaċità tal-ESMA jew tal-awtoritajiet kompetenti li jimponu sanzjonijiet amministrattivi fuq dawk l-amministraturi li jonqsu milli jinnotifikaw li wieħed mill-parametri referenzjarji tagħhom ikun qabeż il-limitu applikabbli.*** |

Or. en

**Emenda 7**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 12**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (12) Il-Parametri Referenzjarji tat-Tranżizzjoni Klimatika tal-UE u l-Parametri Referenzjarji tal-UE allinjati mal-Ftehim ta' Pariġi huma kategoriji speċifiċi ta' parametri referenzjarji, definiti mill-konformità tagħhom ma' regoli li jirregolaw il-metodoloġija tagħhom u ***d-divulgazzjonijiet li għandu jagħmel l-amministratur*** tagħhom. Minħabba dik ir-raġuni, u biex jiġu pprevenuti asserzjonijiet li jistgħu jwasslu lill-utenti biex jaħsbu li tali parametri referenzjarji huma konformi mal-istandards marbuta ma' dawk it-tikketti, huwa meħtieġ li dawk il-parametri referenzjarji jiġu soġġetti għal reġistrazzjoni ***jew*** awtorizzazzjoni ***obbligatorja***, kif xieraq, u għal superviżjoni. | (12) Il-Parametri Referenzjarji tat-Tranżizzjoni Klimatika tal-UE u l-Parametri Referenzjarji tal-UE allinjati mal-Ftehim ta' Pariġi huma kategoriji speċifiċi ta' parametri referenzjarji, definiti mill-konformità tagħhom ma' regoli li jirregolaw il-metodoloġija tagħhom u ***r-rekwiżiti tad-divulgazzjonijiet tal-amministratur*** tagħhom. Minħabba dik ir-raġuni, u biex jiġu pprevenuti asserzjonijiet li jistgħu jwasslu lill-utenti biex jaħsbu li tali parametri referenzjarji huma konformi mal-istandards marbuta ma' dawk it-tikketti, huwa meħtieġ li dawk il-parametri referenzjarji jiġu soġġetti għal reġistrazzjoni***,*** awtorizzazzjoni***, rikonoxximent jew approvazzjoni obbligatorji***, kif xieraq, u għal superviżjoni. |

Or. en

**Emenda 8**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 12a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(12a) It-trattament regolatorju tal-parametri referenzjarji tal-komoditajiet għandu jitfassal skont il-karatteristiċi speċifiċi tagħhom. Il-parametri referenzjarji tal-komoditajiet li huma soġġetti għar-regoli ġenerali għall-parametri referenzjarji finanzjarji jenħtieġ li jiġu ttrattati b'mod identiku għal parametri referenzjarji finanzjarji oħra u jenħtieġ li jkunu koperti mir-Regolament (UE) 2016/1011 biss jekk ikunu parametri referenzjarji sinifikanti jew ta' importanza kritika u ma jkunux ġew eżentati mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. Il-parametri*** |

***referenzjarji tal-komoditajiet soġġetti għar-reġim speċifiku fl-Anness II tar-Regolament (UE) 2016/1011 jenħtieġ li dejjem ikunu koperti minn dak ir-Regolament sabiex jiġu żgurati r-robustezza u l-affidabbiltà tal-valutazzjonijiet tagħhom.***

Or. en

**Emenda 9**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 20a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(20a) Ir-Regolament (UE) 2019/2089 introduċa regoli fir-rigward tat-trasparenza tal-parametri referenzjarji li jiddikjaraw, fil-kummerċjalizzazzjoni tagħhom tal-komunikazzjoni legali, li qed iqisu l-fatturi ambjentali, soċjali jew ta' governanza (ESG) fit-tfassil tagħhom. Sabiex jinżamm livell għoli ta' trasparenza fir-rigward tal-pretensjonijiet relatati mal-ESG u livell adegwat ta' protezzjoni għall-utenti, huwa xieraq li jkun meħtieġ li l-utenti ta' parametri referenzjarji li jagħmlu dikjarazzjonijiet relatati mal-ESG ma jużawx tali parametri referenzjarji meta ma jingħatawx l-informazzjoni msemmija fl-Artikoli 13(1), il-punt d, u 27(2a) tar-Regolament (UE) 2016/1011. Dan jenħtieġ li japplika għall-użu ta' kwalunkwe parametru referenzjarju li jiddikjara li jqis il-fatturi ESG fit-tfassil tiegħu, irrispettivament minn jekk tali parametru referenzjarju huwiex amministrat fl-Unjoni jew f'pajjiż terz.*** |

Or. en

**Emenda 10**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 21**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (21) Sabiex tiġi żgurata tranżizzjoni bla xkiel għar-regoli introdotti skont dan ir-Regolament ***u biex jiġi evitat li*** l-amministraturi ***jkollhom jgħaddu minn proċedura għar-reġistrazzjoni jew għall-awtorizzazzjoni aktar minn darba, l-awtoritajiet kompetenti u l-ESMA jenħtieġ li jipprovdu proċeduri ta' applikazzjoni inqas oneruża għall-amministraturi li diġà huma awtorizzati, irreġistrati, approvati jew rikonoxxuti u li japplikaw għal awtorizzazzjoni, reġistrazzjoni, approvazzjoni jew rikonoxximent ġdid fi żmien sentejn mid-data tal-applikazzjoni*** ta' dan ir-Regolament emendatorju. | (21) Sabiex tiġi żgurata tranżizzjoni bla xkiel għar-regoli introdotti skont dan ir-Regolament l-amministraturi ***li qabel kienu taħt superviżjoni skont ir-Regolament (UE) 2016/1011 jenħtieġ li jżommu reġistrazzjonijiet, awtorizzazzjonijiet, rikonoxximenti jew approvazzjonijiet eżistenti għal sitt xhur wara d-dħul fis-seħħ*** ta' dan ir-Regolament emendatorju. ***Dan il-perjodu ta' żmien għandu l-għan li jagħti lill-awtoritajiet kompetenti jew lill-ESMA ż-żmien biex jiddeċiedu jekk kwalunkwe wieħed mill-amministraturi li kienu taħt superviżjoni preċedenti għandux jiġi ddiżinjat skont dan ir-Regolament. Jekk iddiżinjati, l-amministraturi li qabel kienu awtorizzati, irreġistrati, rikonoxxuti jew approvati għandhom jitħallew iżommu l-istatus preċedenti tagħhom u ma jkollhomx għalfejn japplikaw mill-ġdid. L-amministraturi ta' parametri referenzjarji sinifikanti għandhom, fi kwalunkwe każ, jitħallew iżommu l-istatus tagħhom bħala amministraturi ta' parametri referenzjarji rreġistrati, awtorizzati, rikonoxxuti jew approvati.*** |

Or. en

**Emenda 11**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1 – punt a**
Regolament (UE) Nru 2016/1011
Artikolu 2– paragrafu 1a

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1a. It-Titoli II, III, IV u VI **.**japplikaw | 1a. It-Titoli II, III, ***bl-eċċezzjoni tal-*** |

| | |
|---|---|
| biss fir-rigward ta' parametri referenzjarji ta' importanza kritika, parametri referenzjarji sinifikanti, Parametri Referenzjarji tat-Tranżizzjoni Klimatika tal-UE ***u*** Parametri Referenzjarji tal-UE allinjati mal-Ftehim ta' Pariġi.; | ***Artikoli 23a sa 23d,*** IV u VI .japplikaw biss fir-rigward ta' parametri referenzjarji ta' importanza kritika, parametri referenzjarji sinifikanti, ***parametri referenzjarji tal-komoditajiet soġġetti għall-Anness II,*** Parametri Referenzjarji tat-Tranżizzjoni Klimatika tal-UE***,*** Parametri Referenzjarji tal-UE allinjati mal-Ftehim ta' Pariġi ***u Parametri Referenzjarji tal-ESG***.; |

Or. en

**Emenda 12**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1 – punt b**
Regolament (UE) Nru 2016/1011
Artikolu 2 – paragrafu 2 – punt i

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) fil-paragrafu 2, ***jitħassru l-punti (g) u (i)***; | (b) fil-paragrafu 2, ***jitħassar il-punt (i)***; |

Or. en

**Emenda 13**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2– punt -a (ġdid)**
Regolament (UE) Nru 2016/1011
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 17 – punt m

| *Test fis-seħħ* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(-a) fil-punt (17), il-punt (m) huwa emendat kif ġej:*** |
| (m) amministratur; | "(m) amministratur ***awtorizzat jew irreġistrat skont l-Artikolu 34***;" |

Or. en

*https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=CELEX:02016R1011-20220101*

**Emenda 14**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2 – punt aa (ġdid)**
Regolament (UE) Nru 2016/1011
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 23 ca (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(aa) jiżdied il-punt (23ca):*** |
| | ***(23ca) "Parametru Referenzjarju tal-ESG" tfisser parametru referenzjarju li jsegwi objettivi tal-ESG u li jissodisfa r-rekwiżiti ta' divulgazzjoni skont l-Artikolu 13(1)(d) u l-Artikolu 27(2a).*** |

Or. en

**Emenda 15**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 8a (ġdid)**
Regolament (UE) Nru 2016/1011
Artikolu 19 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

| *Test fis-seħħ* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(8a) fl-Artikolu 19(1), it-tieni subparagrafu huwa emendat kif ġej:*** |
| ***L-Artikoli 24,*** 25 ***u 26*** ma ***għandhomx japplikaw*** għall-forniment ta', u l-kontribuzzjoni għal, parametri referenzjarji tar-rati tal-imgħax. | "***L-Artikolu*** 25 ma ***għandux japplika*** għall-forniment ta', u l-kontribuzzjoni għal, parametri referenzjarji tar-rati tal-imgħax." |

Or. en

*https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=CELEX:02016R1011-20220101*

**Emenda 16**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 9 – parti introduttorja**
Regolament (UE) Nru 2016/1011
Artikolu 19a – paragrafu 4

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (9) fl-Artikolu 19a, ***jiżdied il-paragrafu 4 li ġej***: | (9) fl-Artikolu 19a, ***jiżdiedu l-paragrafi li ġejjin***: |

Or. en

**Emenda 17**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 9**
Regolament (UE) Nru 2016/1011
Artikolu 19a – paragrafu 4 – parti introduttorja

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. L-amministraturi li ***ma humiex awtorizzati jew irreġistrati skont l-Artikolu 34*** ma għandhomx: | 4. L-amministraturi li ***mhumiex inklużi fir-reġistru msemmi fl-Artikolu 36*** ma għandhomx: |

Or. en

**Emenda 18**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 9**
Regolament (UE) Nru 2016/1011
Artikolu 19a – paragrafu 4 – punt a

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) jipprovdu Parametri Referenzjarji tat-Tranżizzjoni Klimatika tal-UE jew Parametri Referenzjarji tal-UE allinjati mal-Ftehim ta' Pariġi; | (a) jipprovdu ***jew japprovaw*** Parametri Referenzjarji tat-Tranżizzjoni Klimatika tal-UE jew Parametri Referenzjarji tal-UE allinjati mal-Ftehim ta' Pariġi; |

Or. en

**Emenda 19**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 9**

Regolament (UE) Nru 2016/1011
Artikolu 19a – paragrafu 4a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***4a. L-amministraturi għandhom jinkludu t-terminu "EU CTB" fl-isem tal-Parametri Referenzjarji tat-Tranżizzjoni Klimatika tal-UE u t-terminu "EU PAB" fl-isem tal-Parametri Referenzjarji tal-UE Allinjati mal-Ftehim ta' Pariġi.*** |

Or. en

**Emenda 20**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 10**
Regolament (UE) Nru 2016/1011
Artikolu 19d

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(10) jitħassar l-Artikolu 19d;*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 21**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 10a (ġdid)**
Regolament (UE) Nru 2016/1011
Artikolu 19d – paragrafu 1

| *Test fis-seħħ* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(10a) l-Artikolu 19d(1) huwa emendat kif ġej:*** |
| ***Sal-1 ta' Jannar 2022,*** l-amministraturi li jinsabu fl-Unjoni u li jipprovdu parametri referenzjarji sinifikanti determinati abbażi tal-valur ta' assi sottostanti wieħed jew aktar għandhom jagħmlu ħilithom biex jipprovdu, wieħed jew aktar, Parametri Referenzjarji tat-Tranżizzjoni Klimatika | "L-amministraturi li jinsabu fl-Unjoni u li jipprovdu parametri referenzjarji sinifikanti determinati abbażi tal-valur ta' assi sottostanti wieħed jew aktar għandhom jagħmlu ħilithom biex jipprovdu, wieħed jew aktar, Parametri Referenzjarji tat-Tranżizzjoni Klimatika tal-UE ***jew*** |

tal-UE.

***Parametri Referenzjarji tal-UE allinjati mal-Ftehim ta' Pariġi."***

Or. en

*(https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=CELEX:02016R1011-20220101)*

**Emenda 22**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 10b (ġdid)**
Regolament (UE) Nru 2016/1011
Artikolu 19da (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(10b) jiddaħħal l-Artikolu li ġej:*** |
| | ***"Artikolu 19da*** |
| | ***Titolu għall-Artikolu hawnhekk*** |
| | ***1. L-amministraturi li mhumiex awtorizzati jew irreġistrati skont l-Artikolu 34, jew rikonoxxuti skont l-Artikolu 32 ma għandhomx:*** |
| | ***(a) jippruvdu jew japprovaw il-Parametri Referenzjarji tal-ESG; jew*** |
| | ***(b) jindikaw jew jissuġġerixxu, f'isem il-parametri referenzjarji li jagħmlu disponibbli għall-użu fl-Unjoni jew fid-dokumentazzjoni legali jew tal-kummerċjalizzazzjoni għal dawk il-parametri referenzjarji, li l-parametri referenzjarji li jagħmlu disponibbli jsegwu l-objettivi tal-ESG jew iqisu l-fatturi tal-ESG.*** |
| | ***2. L-ESMA għandha tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi regolatorji biex tispeċifika standards komuni dwar l-ismijiet tal-Parametri Referenzjarji tal-ESG.*** |
| | ***L-ESMA għandha tissottometti dawk l-abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sa [12-il xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].*** |
| | ***Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li*** |

***tissupplimenta dan ir-Regolament billi tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu f'konformità mal-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010."***

Or. en

**Emenda 23**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 11**
Regolament (UE) Nru 2016/1011
Artikolu 24 – paragrafu 1 – punt a

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) il-parametru referenzjarju jintuża direttament jew indirettament f'kombinazzjoni ta' parametri referenzjarji fl-Unjoni bħala referenza għal strumenti finanzjarji jew kuntratti finanzjarji jew għall-kejl tal-prestazzjoni ta' fondi ta' investiment, li jkollhom valur medju totali ta' mill-inqas EUR ***50*** biljun abbażi ***tal-firxa*** kollha ta' maturitajiet jew termini tal-parametru referenzjarju, meta jkun applikabbli, fuq perjodu ta' 6 xhur; | (a) il-parametru referenzjarju jintuża direttament jew indirettament f'kombinazzjoni ta' parametri referenzjarji fl-Unjoni bħala referenza għal strumenti finanzjarji jew kuntratti finanzjarji jew għall-kejl tal-prestazzjoni ta' fondi ta' investiment, li jkollhom valur medju totali ta' mill-inqas EUR ***30*** biljun abbażi ***tal-karatteristiċi tal-parametru referenzjarju inklużi:*** |
| | ***(i) il-firxa*** kollha ta' maturitajiet jew termini tal-parametru referenzjarju, meta jkun applikabbli, fuq perjodu ta' 6 xhur; |
| | ***(ii) il-muniti kollha jew unitajiet oħra ta' kejl tal-parametru referenzjarju, fejn applikabbli, fuq perjodu ta' sitt xhur; u*** |
| | ***(iii) il-metodoloġiji kollha tal-kalkolu tar-rendiment, fejn applikabbli, fuq perjodu ta' sitt xhur;*** |

Or. en

**Emenda 24**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 11**

Regolament (UE) Nru 2016/1011
Artikolu 24 – paragrafu 2 – subparagrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Amministratur għandu jinnotifika minnufih lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ***fejn jinsab jew, jekk jinsab f'pajjiż terz, lill-ESMA***, meta parametru referenzjarju wieħed jew diversi minnhom ta' dak l-amministratur jaqbżu l-limitu msemmi fil-paragrafu 1, il-punt (a). Wara li tirċievi dik in-notifika, ***l-awtorità kompetenti jew*** l-ESMA***, kif xieraq***, għandha tippubblika dikjarazzjoni fuq is-sit web tagħha li tiddikjara li dak il-parametru referenzjarju huwa sinifikanti. | Amministratur għandu jinnotifika minnufih ***lill-ESMA u, jekk ikun jinsab fi Stat Membru,*** lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru, meta parametru referenzjarju wieħed jew diversi minnhom ta' dak l-amministratur jaqbżu l-limitu msemmi fil-paragrafu 1, il-punt (a). Wara li tirċievi dik in-notifika, l-ESMA, għandha tippubblika dikjarazzjoni fuq is-sit web tagħha li tiddikjara li dak il-parametru referenzjarju huwa sinifikanti ***jew fi Stat Membru wieħed jew fl-Unjoni***. |

Or. en

**Emenda 25**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 11**
Regolament (UE) Nru 2016/1011
Artikolu 24 – paragrafu 2 – subparagrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Amministratur għandu, fuq talba, jipprovdi lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru fejn ikun jinsab ***jew, jekk ikun jinsab f'pajjiż terz, lill-ESMA***, b'informazzjoni dwar jekk il-limitu msemmi fil-paragrafu 1, il-punt (a) ikunx inqabeż b'mod effettiv. | Amministratur għandu, fuq talba, jipprovdi ***lill-ESMA u*** lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru fejn ikun jinsab, b'informazzjoni dwar jekk il-limitu msemmi fil-paragrafu 1, il-punt (a) ikunx inqabeż b'mod effettiv. |

Or. en

**Emenda 26**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 11**
Regolament (UE) Nru 2016/1011
Artikolu 24 – paragrafu 2 – subparagrafu 3

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Meta awtorità kompetenti jew***, fil-każ ta' amministratur ta' pajjiż terz,*** l-ESMA***, ikollha*** raġunijiet ċari u dimostrabbli biex tikkunsidra li parametru referenzjarju jaqbeż il-limitu msemmi fil-paragrafu 1, il-punt (a), l-awtorità kompetenti jew l-ESMA tista' toħroġ avviż li jiddikjara dak il-fatt. Tali avviż għandu jiskatta l-istess obbligi għall-amministratur tal-parametru referenzjarju bħal notifika kif imsemmi fil-paragrafu 2. Mill-inqas 10 ijiem tax-xogħol qabel ma toħroġ tali avviż, l-awtorità kompetenti jew l-ESMA għandha tinforma lill-amministratur tal-parametru referenzjarju kkonċernat bis-sejbiet tiegħu, u tistieden lil dak l-amministratur jissottometti kwalunkwe osservazzjoni. | Meta awtorità kompetenti jew l-ESMA jkollha raġunijiet ċari u dimostrabbli biex tikkunsidra li parametru referenzjarju jaqbeż il-limitu msemmi fil-paragrafu 1, il-punt (a), l-awtorità kompetenti jew l-ESMA tista' toħroġ avviż li jiddikjara dak il-fatt. Tali avviż għandu jiskatta l-istess obbligi għall-amministratur tal-parametru referenzjarju bħal notifika kif imsemmi fil-paragrafu 2. Mill-inqas 10 ijiem tax-xogħol qabel ma toħroġ tali avviż, l-awtorità kompetenti jew l-ESMA għandha tinforma lill-amministratur tal-parametru referenzjarju kkonċernat bis-sejbiet tiegħu, u tistieden lil dak l-amministratur jissottometti kwalunkwe osservazzjoni. |

Or. en

**Emenda 27**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 11**
Regolament (UE) Nru 2016/1011
Artikolu 24 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – punt (c)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (c) il-parametru referenzjarju ma jkunx ġie ddiżinjat minn awtorità kompetenti ta' Stat Membru ieħor. | (c) il-parametru referenzjarju ma jkunx ġie ddiżinjat minn awtorità kompetenti ta' Stat Membru ieħor ***jew l-ESMA***. |

Or. en

**Emenda 28**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 11**
Regolament (UE) Nru 2016/1011
Artikolu 24 – paragrafu 5 – subparagrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Meta l-ESMA ssib li parametru referenzjarju jissodisfa l-kundizzjonijiet skont il-paragrafu 3, l-ewwel ***paragrafu***, il-punti (a) sa (c), f'aktar minn Stat Membru wieħed, hija għandha tinforma lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri kkonċernati b'dan. ***Dawn għandhom jaqblu dwar min minnhom jiddeżinja l-parametru referenzjarju kkonċernat bħala parametru referenzjarju sinifikanti.*** | Meta l-ESMA ssib li parametru referenzjarju jissodisfa l-kundizzjonijiet skont il-paragrafu 3, l-ewwel ***subparagrafu***, il-punti (a) sa (c), f'aktar minn Stat Membru wieħed, hija għandha tinforma lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri kkonċernati b'dan. |

Or. en

**Emenda 29**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 11**
Regolament (UE) Nru 2016/1011
Artikolu 24 – paragrafu 5 – subparagrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Meta l-awtoritajiet kompetenti ma jaqblux dwar il-kwistjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu, huma għandhom jirreferu l-kwistjoni lill-ESMA,*** l-ESMA għandha ***ssolvi dak in-nuqqas ta' qbil f'konformità mal-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010***. | ***L-ESMA għandha tħejji abbozz ta' deċiżjoni biex jiddiżinja l-parametru referenzjarju bħala sinifikanti fl-Unjoni u tinnotifika dak l-abbozz ta' deċiżjoni lill-amministratur ikkonċernat u lill-awtoritajiet kompetenti rilevanti fejn japplika l-punt (b). L-amministraturi kkonċernati u l-awtoritajiet kompetenti rilevanti għandu jkollhom 15-il jum ta' xogħol mid-data ta' dik in-notifika biex jipprovdu osservazzjonijiet u kummenti bil-miktub.*** L-ESMA għandha ***tikkunsidra kif xieraq dawk l-osservazzjonijiet u l-kummenti qabel ma tadotta deċiżjoni finali u għandha tippubblika dik id-deċiżjoni.*** |

Or. en

**Emenda 30**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 11**
Regolament (UE) Nru 2016/1011
Artikolu 24 – paragrafu 6 – subparagrafu 1 – parti introduttorja

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-ESMA tista', fuq talba ta' awtorità kompetenti, tiddeżinja parametru referenzjarju pprovdut minn amministratur li jinsab f'pajjiż terz li ma jissodisfax il-limitu stabbilit fil-paragrafu 1, il-punt (a), bħala sinifikanti meta dak il-parametru referenzjarju jissodisfa l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin: | L-ESMA tista', fuq talba ta' awtorità kompetenti ***jew fuq inizjattiva tagħha stess***, tiddeżinja parametru referenzjarju pprovdut minn amministratur li jinsab f'pajjiż terz li ma jissodisfax il-limitu stabbilit fil-paragrafu 1, il-punt (a), bħala sinifikanti meta dak il-parametru referenzjarju jissodisfa l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin: |

Or. en

**Emenda 31**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 11**
Regolament (UE) Nru 2016/1011
Artikolu 24 – paragrafu 6a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***6a. L-amministraturi ta' parametri referenzjarji li ma jissodisfawx ir-rekwiżiti biex jitqiesu bħala parametri referenzjarji ta' importanza kritika, sinifikanti, tal-komoditajiet soġġetti għall-Anness II, Parametri Referenzjarji tat-Tranżizzjoni Klimatika tal-UE, Parametri Referenzjarji tal-UE allinjati mal-Ftehim ta' Pariġi jew Parametri Referenzjarji tal-ESG jistgħu japplikaw volontarjament għal aċċess għar-reġistru previst fl-Artikolu 36 jew permezz ta' awtorizzazzjoni, rikonoxximent tar-reġistrazzjoni jew approvazzjoni.*<br>***L-amministraturi li volontarjament jagħżlu li jipparteċipaw f'dan ir-Regolament għandhom ikunu soġġetti*** |

***għall-istess reġim bħall-amministraturi ta' parametri referenzjarji sinifikanti. Ir-rinunzja volontarja ta' dak ir-reġim ma għandhiex tipprevjeni l-impożizzjoni tar-responsabbiltajiet amministrattivi korrispondenti fil-każ ta' nuqqas ta' konformità jew ksur tar-Regolament (UE) 2016/1011 matul l-inklużjoni volontarja tagħhom fir-reġistru previst fl-Artikolu 36.***

Or. en

**Emenda 32**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 11**
Regolament (UE) Nru 2016/1011
Artikolu 24 – paragrafu 7

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 7. ***Il-Kummissjoni*** għandha ***tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 49*** biex tispeċifika ***ulterjorment*** il-metodu ta' kalkolu li għandu jintuża biex jiġi ddeterminat il-limitu msemmi fil-paragrafu 1, il-punt (a) ta' dan l-Artikolu ***fid-dawl tal-iżviluppi*** tas-suq***, tal-prezzijiet u dawk*** regolatorji. | 7. ***L-ESMA*** għandha ***tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi regolatorji*** biex tispeċifika***:*** |
| | ***(i)*** il-metodu ta' kalkolu***, inklużi sorsi potenzjali ta' data,*** li għandu jintuża biex jiġi ddeterminat il-limitu msemmi fil-paragrafu 1, il-punt (a) ta' dan l-Artikolu***;*** |
| | ***(ii) il-kriterji biex jiġi vvalutat meta parametru referenzjarju jaqbeż il-limitu msemmi fl-Artikolu 24(1), il-punt (a), fi Stat Membru wieħed jew madwar l-Unjoni;*** |
| | ***(iii) l-informazzjoni li l-awtoritajiet kompetenti għandhom jipprovdu meta jikkonsultaw lill-ESMA kif meħtieġ fl-Artikolu 24(3);*** |
| | ***(iv) il-kriterji msemmija fl-Artikolu*** |

***24(4), il-punt (b), filwaqt li titqies kwalunkwe data li tgħin fil-valutazzjoni tal-impatt sinifikanti u negattiv tal-waqfien jew in-nuqqas ta' affidabbiltà tal-parametru referenzjarju fuq l-integrità*** tas-suq***, l-istabbiltà finanzjarja, il-konsumaturi, l-ekonomija reali, jew il-finanzjament ta' unitajiet domestiċi u negozji fi Stat Membru wieħed jew aktar;***

***L-ESMA għandha tissottometti dak l-abbozz ta' standards tekniċi*** regolatorji ***lill-Kummissjoni sa [12-il xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament]***.

***Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tissupplimenta dan ir-Regolament billi tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu f'konformità mal-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.***

Or. en

**Emenda 33**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 12**
Regolament (UE) Nru 2016/1011
Artikolu 24a – paragrafu 1 – parti introduttorja

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (1) Fi żmien 60 jum tax-xogħol wara n-notifika msemmija fl-Artikolu 24(2), l-amministratur ta' parametru referenzjarju li jissodisfa l-kriterju msemmi fil-paragrafu (1), il-punt (a), ta' dak l-Artikolu, għandu jfittex awtorizzazzjoni jew reġistrazzjoni mal-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ***fejn ikun jinsab***. Meta dak l-amministratur ikun jinsab f'pajjiż terz ***u sakemm il-parametru referenzjarju kkonċernat ma jkunx kopert minn deċiżjoni dwar l-ekwivalenza adottata skont l-Artikolu 30***, dak l-amministratur għandu, fi żmien 60 jum tax-xogħol wara n-notifika msemmija fl-Artikolu 24(2), ***ifittex*** waħda minn dawn | (1) Fi żmien 60 jum tax-xogħol wara n-notifika msemmija fl-Artikolu 24(2), l-amministratur ta' parametru referenzjarju li jissodisfa l-kriterju msemmi fil-paragrafu (1), il-punt (a), ta' dak l-Artikolu, għandu jfittex awtorizzazzjoni jew reġistrazzjoni mal-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ***meta jkun sinifikanti f'dan l-Istat Membru, jew mal-ESMA, meta l-parametru referenzjarju jkun sinifikanti fl-Unjoni***. Meta dak l-amministratur ikun jinsab f'pajjiż terz, dak l-amministratur għandu, fi żmien 60 jum tax-xogħol wara n-notifika msemmija fl-Artikolu 24(2), ***japplika mal-ESMA għal*** waħda minn |

| | |
|---|---|
| li ġejjin: | dawn li ġejjin: |

Or. en

**Emenda 34**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 12**
Regolament (UE) Nru 2016/1011
Artikolu 24a – paragrafu 1 – punt a

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) rikonoxximent ***mal-ESMA*** skont il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 32; | (a) rikonoxximent skont il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 32; |

Or. en

**Emenda 35**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 12**
Regolament (UE) Nru 2016/1011
Artikolu 24a – paragrafu 2a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(2a) Fi żmien 60 jum tax-xogħol wara dożinjazzjoni kif imsemmi fl-Artikolu 24(5), l-amministratur tal-parametru referenzjarju kkonċernat, sakemm dak l-amministratur ma jkunx diġà awtorizzat jew irreġistrat, għandu jfittex awtorizzazzjoni jew reġistrazzjoni mal-ESMA skont l-Artikolu 34. Jekk dak l-amministratur ikun diġà awtorizzat jew irreġistrat fi Stat Membru, tali awtorizzazzjoni jew reġistrazzjoni għandhom jiġu ttrasferiti lill-ESMA.*** |

Or. en

**Emenda 36**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 12**
Regolament (UE) Nru 2016/1011
Artikolu 24a – paragrafu 3 – parti introduttorja

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (3) Fi żmien 60 jum tax-xogħol ***wara dežinjazzjoni*** msemmija fl-Artikolu 24(6), l-amministratur tal-parametru referenzjarju kkonċernat***, sakemm il-parametru referenzjarju kkonċernat ma jkunx kopert minn deċiżjoni dwar l-ekwivalenza adottata skont l-Artikolu 30,*** għandu ***jfittex*** waħda minn dawn li ġejjin: | (3) Fi żmien 60 jum tax-xogħol ***mid-dežinjazzjoni*** msemmija fl-Artikolu 24(6), l-amministratur tal-parametru referenzjarju kkonċernat ***għandu japplika mal-ESMA għal*** waħda minn dawn li ġejjin: |

Or. en

**Emenda 37**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 12**
Regolament (UE) Nru 2016/1011
Artikolu 24a – paragrafu 3 – punt a

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) rikonoxximent ***mal-ESMA*** skont il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 32; | (a) rikonoxximent skont il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 32; |

Or. en

**Emenda 38**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 12**
Regolament (UE) Nru 2016/1011
Artikolu 24a – paragrafu 5 – subparagrafu 1 – punt d

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (d) l-ESMA tkun irtirat jew issospendiet ir-rikonoxximent tal- | (d) l-ESMA tkun irtirat jew issospendiet ir-rikonoxximent tal- |

| | |
|---|---|
| amministratur ikkonċernat f'konformità mal-Artikolu ***34(6)***; | amministratur ikkonċernat f'konformità mal-Artikolu ***32(8)***; |

Or. en

**Emenda 39**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 13a (ġdid)**
Regolament (UE) Nru 2016/1011
Artikolu 28 – paragrafu 2

| *Test fis-seħħ* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(13a) l-Artikolu 28, il-paragrafu 2 huwa emendat kif ġej:*** |
| 2. L-entitajiet taħt superviżjoni, li mhumiex amministraturi kif imsemmi fil-paragrafu 1, li jużaw parametru referenzjarju għandhom jipproduċu u jżommu pjanijiet robusti bil-miktub li jistipulaw l-azzjonijiet li jieħdu f'każ li parametru referenzjarju jinbidel materjalment jew ma jibqax jiġi pprovdut. Meta jkun fattibbli u xieraq, tali pjanijiet għandhom jiffissaw parametru referenzjarju alternattiv wieħed jew aktar li tista' ssir referenza għalihom biex jiġu sostitwiti l-parametri referenzjarji li ma jkunux se jibqgħu jiġu pprovduti, filwaqt li jiġu indikati r-raġunijiet għall-adegwatezza ta' tali parametri referenzjarji alternattivi. L-entitajiet taħt superviżjoni għandhom jipprovdu, fuq talba u mingħajr dewmien żejjed, lill-awtorità kompetenti rilevanti dawk il-pjanijiet u kwalunkwe aġġornament u għandhom jirriflettuhom ***fir-relazzjoni*** kuntrattwali ***tagħhom mal-klijenti***. | "2. L-entitajiet taħt superviżjoni, li mhumiex amministraturi kif imsemmi fil-paragrafu 1, li jużaw parametru referenzjarju għandhom jipproduċu u jżommu pjanijiet robusti bil-miktub li jistipulaw l-azzjonijiet li jieħdu f'każ li parametru referenzjarju jinbidel materjalment jew ma jibqax jiġi pprovdut. Meta jkun fattibbli u xieraq, tali pjanijiet għandhom jiffissaw parametru referenzjarju alternattiv wieħed jew aktar li tista' ssir referenza għalihom biex jiġu sostitwiti l-parametri referenzjarji li ma jkunux se jibqgħu jiġu pprovduti, filwaqt li jiġu indikati r-raġunijiet għall-adegwatezza ta' tali parametri referenzjarji alternattivi. L-entitajiet taħt superviżjoni għandhom jipprovdu, fuq talba u mingħajr dewmien żejjed, lill-awtorità kompetenti rilevanti dawk il-pjanijiet u kwalunkwe aġġornament u għandhom jirriflettuhom ***fid-dispożizzjonijiet*** kuntrattwali ***ta' riżerva applikabbli għal kuntratti finanzjarji, strumenti finanzjarji u fondi ta' investiment***.***"*** |

Or. en

*https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=CELEX:02016R1011-20220101*

**Emenda 40**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 14 – punt a**
Regolament (UE) Nru 2016/1011
Artikolu 29 – titolu

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Użu ta' parametri referenzjarji sinifikanti, Parametri Referenzjarji tat-Tranżizzjoni Klimatika tal-UE ***u*** Parametri Referenzjarji tal-UE allinjati mal-Ftehim ta' Pariġi; | Użu ta' parametri referenzjarji ***ta' importanza kritika, parametri referenzjarji*** sinifikanti, ***parametri referenzjarji tal-komoditajiet soġġetti għall-Anness II,*** Parametri Referenzjarji tat-Tranżizzjoni Klimatika tal-UE u Parametri Referenzjarji tal-UE allinjati mal-Ftehim ta' Pariġi ***u Parametri Referenzjarji tal-ESG***; |

Or. en

**Emenda 41**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 14 – punt b**
Regolament (UE) Nru 2016/1011
Artikolu 29 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Entità taħt superviżjoni ma għandhiex iżżid referenzi ġodda għal parametru referenzjarju sinifikanti jew kombinazzjoni ta' tali parametri referenzjarji fl-Unjoni meta dak il-parametru referenzjarju jew kombinazzjoni ta' parametri referenzjarji tkun is-suġġett ta' avviż pubbliku maħruġ mill-ESMA jew minn awtorità kompetenti f'konformità mal-Artikolu 24a(5). Entità taħt superviżjoni ma għandhiex iżżid referenzi ġodda għal Parametru Referenzjarju tat-Tranżizzjoni Klimatika tal-UE jew għal Parametru Referenzjarju tal-UE allinjat mal-Ftehim ta' Pariġi jew kombinazzjoni ta' tali parametri referenzjarji fl-Unjoni meta l-amministratur ta' dawk il-parametri | Entità taħt superviżjoni ma għandhiex iżżid referenzi ġodda ***għal parametru referenzjarju ta' importanza kritika,*** għal parametru referenzjarju sinifikanti jew kombinazzjoni ta' tali parametri referenzjarji fl-Unjoni meta dak il-parametru referenzjarju jew kombinazzjoni ta' parametri referenzjarji tkun is-suġġett ta' avviż pubbliku maħruġ mill-ESMA jew minn awtorità kompetenti f'konformità mal-Artikolu 24a(5). Entità taħt superviżjoni ma għandhiex iżżid referenzi ġodda għal ***paramentru referenzjarju ta' importanza krtika, għal parametru referenzjarju tal-komoditajiet soġġett għall-Anness II,*** għal Parametru Referenzjarju tat-Tranżizzjoni Klimatika |

| | |
|---|---|
| referenzjarji ma jkunx inkluż fir-reġistru msemmi fl-Artikolu 36. | tal-UE jew għal Parametru Referenzjarju tal-UE allinjat mal-Ftehim ta' Pariġi ***jew Parametru Referenzjarju tal-ESG*** jew kombinazzjoni ta' tali parametri referenzjarji fl-Unjoni meta l-amministratur ta' dawk il-parametri referenzjarji ma jkunx inkluż fir-reġistru msemmi fl-Artikolu 36. |

Or. en

**Emenda 42**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 14 – punt b**
Regolament (UE) Nru 2016/1011
Artikolu 29 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-entitajiet taħt superviżjoni għandhom jikkonsultaw b'mod regolari mal-Punt ta' Aċċess Uniku Ewropew (ESAP) kif imsemmi fl-Artikolu 28a, jew mar-reġistru tal-ESMA kif imsemmi fl-Artikolu 36, biex jivverifikaw l-istatus regolatorju tal-amministraturi ta' parametri referenzjarji sinifikanti, il-Parametri Referenzjarji tat-Tranżizzjoni Klimatika tal-UE ***jew*** il-Parametri Referenzjarji tal-UE allinjati mal-Ftehim ta' Pariġi li jkollhom il-ħsieb li jużaw. | L-entitajiet taħt superviżjoni għandhom jikkonsultaw b'mod regolari mal-Punt ta' Aċċess Uniku Ewropew (ESAP) kif imsemmi fl-Artikolu 28a, jew mar-reġistru tal-ESMA kif imsemmi fl-Artikolu 36, biex jivverifikaw l-istatus regolatorju tal-amministraturi ta' ***parametri referenzjarji ta' importanza kritika,*** parametri referenzjarji sinifikanti***, parametri referenzjarji tal-komoditajiet soġġetti għall-Anness II***, il-Parametri Referenzjarji tat-Tranżizzjoni Klimatika tal-UE***,*** il-Parametri Referenzjarji tal-UE allinjati mal-Ftehim ta' Pariġi ***jew Parametri Referenzjarji tal-ESG*** li jkollhom il-ħsieb li jużaw. |

Or. en

**Emenda 43**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 14 – punt c**
Regolament (UE) Nru 2016/1011
Artikolu 29– paragrafu 1a

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1a. Entità taħt superviżjoni li tuża parametru referenzjarju f'kuntratti finanzjarji jew fi strumenti finanzjarji eżistenti li huwa soġġett għal avviż pubbliku skont l-Artikolu 24a(5) għandha tissostitwixxi dak il-parametru referenzjarju b'alternattiva xierqa fi żmien 6 xhur wara l-pubblikazzjoni ta' dak l-avviż, jew toħroġ u tippubblika dikjarazzjoni fuq is-sit web tagħha li tinforma lill-klijenti dwar in-nuqqas ta' alternattiva xierqa. | ***1b.*** Entità taħt superviżjoni li tuża parametru referenzjarju f'kuntratti finanzjarji jew fi strumenti finanzjarji eżistenti li huwa soġġett għal avviż pubbliku skont l-Artikolu 24a(5) għandha tissostitwixxi dak il-parametru referenzjarju b'alternattiva xierqa fi żmien 6 xhur wara l-pubblikazzjoni ta' dak l-avviż, jew toħroġ u tippubblika dikjarazzjoni fuq is-sit web tagħha li tinforma lill-klijenti dwar in-nuqqas ta' alternattiva xierqa. |

Or. en

**Emenda 44**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 14 – punt ca (ġdid)**
Regolament (UE) Nru 2016/1011
Artikolu 29 – paragrafu 1c (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ca) jiddaħħal il-paragrafu li ġej:*** |
| | ***1c. Entità taħt superviżjoni tista' tuża parametru referenzjarju li jiddikjara, fid-dokumentazzjoni legali jew ta' kummerċjalizzazzjoni tiegħu, jew fid-denominazzjoni, li tqis il-fatturi tal-ESG fil-metodoloġija tagħha, biss meta l-amministratur tagħha jiżvela l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 13(1), il-punt (d), u fl-Artikolu 27(2a). Dan il-paragrafu għandu japplika kemm għall-parametri referenzjarji tal-UE kif ukoll għal dawk mhux tal-UE.*** |

Or. en

**Emenda 45**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt14 – punt cb (ġdid)**
Regolament (UE) Nru 2016/1011
Artikolu 29 – paragrafu 1d (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(cb) jiddaħħal il-paragrafu li ġej:*** |
| | ***1d. L-entitajiet taħt superviżjoni għandhom jirrapportaw mill-inqas darba fis-sena lill-ESMA l-livell ta' użu tal-parametri referenzjarji soġġetti għal dan ir-Regolament, f'konformità mal-kriterji speċifikati fl-Artikolu 24(7).*** |

Or. en

**Emenda 46**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 14 – punt cc (ġdid)**
Regolament (UE) Nru 2016/1011
Artikolu 29 – paragrafu 1e (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(cc) jiddaħħal paragrafu 1e ġdid:*** |
| | ***1e. L-ESMA għandha tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi regolatorji biex tispeċifika aktar l-informazzjoni li għandha tiġi pprovduta, il-perjodiċità u l-format li fihom l-entitajiet taħt superviżjoni għandhom jagħmlu r-rapport imsemmi fil-paragrafu 1c.*** |
| | ***L-ESMA għandha tissottometti dak l-abbozz ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sa... [sena wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-regolament emendatorju].”*** |

Or. en

**Emenda 47**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 14 – punt cd (ġdid)**
Regolament (UE) Nru 2016/1011
Artikolu 29 – paragrafu 2

| *Test fis-seħħ* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(cd) il-paragrafu 2 huwa emendat kif ġej:*** |
| 2. Meta l-oġġett ta' prospett li jrid jiġi ppubblikat skont id-Direttiva 2003/71/KE jew id-Direttiva 2009/65/KE jkun titoli trasferibbli jew prodotti ta' investiment ieħor li jirreferenzjaw parametru referenzjarju, l-emittent, l-offerent jew il-persuna li titlob ammissjoni għal kummerċ f'suq regolat għandhom jiżguraw li l-prospett jinkludi wkoll informazzjoni ċara u prominenti li tiddikjara jekk parametru referenzjarju huwiex fornut minn amministratur inkluż fir-reġistru msemmi fl-Artikolu 36 ta' dan ir-Regolament. | "2. Meta l-oġġett ta' prospett li jrid jiġi ppubblikat skont id-Direttiva 2003/71/KE jew id-Direttiva 2009/65/KE jkun titoli trasferibbli jew prodotti ta' investiment ieħor li jirreferenzjaw parametru referenzjarju ***ta' importanza kritika, parametru referenzjarju sinifikanti, parametru referenzjarju tal-komoditajiet soġġett għall-Anness II, Parametru Referenzjarju tat-Tranżizzjoni Klimatika tal-UE, Parametru Referenzjarju tal-UE allinjat mal-Ftehim ta' Pariġi jew Parametru Referenzjarju tal-ESG***, l-emittent, l-offerent jew il-persuna li titlob ammissjoni għal kummerċ f'suq regolat għandhom jiżguraw li l-prospett jinkludi wkoll informazzjoni ċara u prominenti li tiddikjara jekk parametru referenzjarju huwiex fornut minn amministratur inkluż fir-reġistru msemmi fl-Artikolu 36 ta' dan ir-Regolament. |

Or. en

*https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=CELEX:02016R1011-20220101*

**Emenda 48**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 14 – punt ce (ġdid)**
Regolament (UE) Nru 2016/1011
Artikolu 29 – paragrafu 2a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ce) jiżdied il-paragrafu li ġej:*** |

***2a. L-amministraturi tal-parametri referenzjarji użati fl-Unjoni għandhom jagħmlu ħilithom biex jitolbu kodiċi ta' identifikazzjoni maqbul globalment għal kull wieħed mill-parametri referenzjarji li huma jipprovdu għall-użu fl-Unjoni."***

Or. en

**Emenda 49**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 15 – punt b**
Regolament (UE) Nru 2016/1011
Artikolu 32 – paragrafu 3

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Amministratur li jinsab f'pajjiż terz li jkollu l-ħsieb li jikseb rikonoxximent għandu jkollu rappreżentant legali. Ir-rappreżentant legali għandu jkun persuna ***fiżika jew*** ġuridika li tinsab fl-Unjoni u espressament maħtura minn dak l-amministratur biex taġixxi f'isem dak l-amministratur fir-rigward tal-obbligi tal-amministratur taħt dan ir-Regolament. Ir-rappreżentant legali għandu, flimkien mal-amministratur, iwettaq il-funzjoni ta' sorveljanza relatata mal-forniment ta' parametri referenzjarji mwettqa mill-amministratur fl-ambitu ta' dan ir-Regolament u***, f'dak ir-rigward, ikun*** responsabbli lejn l-ESMA. | 3. Amministratur li jinsab f'pajjiż terz li jkollu l-ħsieb li jikseb rikonoxximent għandu jkollu rappreżentant legali. Ir-rappreżentant legali għandu jkun persuna ġuridika li tinsab fl-Unjoni u espressament maħtura minn dak l-amministratur biex taġixxi f'isem dak l-amministratur fir-rigward tal-obbligi tal-amministratur taħt dan ir-Regolament. Ir-rappreżentant legali għandu, flimkien mal-amministratur, iwettaq il-funzjoni ta' sorveljanza relatata mal-forniment ta' parametri referenzjarji mwettqa mill-amministratur fl-ambitu ta' dan ir-Regolament u ***jkun*** responsabbli lejn l-ESMA. ***L-ESMA tista' timponi miżura superviżorja f'konformità mal-Artikolu 48e fuq ir-rappreżentant legali u l-amministratur għal wieħed mit-tipi ta' ksur elenkati fil-Artikolu 42(1), il-punt (a), jew fir-rigward ta' kwalunkwe nuqqas ta' kooperazzjoni jew konformità f'investigazzjoni jew ma' spezzjoni jew talba koperta mit-Taqsima 1 tal-Kapitolu 4.*** |

Or. en

**Emenda 50**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 15a (ġdid)**
Regolament (UE) Nru 2016/1011
Artikolu 33 – paragrafu 1 – parti introduttorja

| *Test fis-seħħ* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(15a) fl-Artikolu 33, (1), il-parti introduttorja hija emendata kif ġej:*** |
| 1. Amministratur li jkun jinsab fl-Unjoni u jkun awtorizzat jew irreġistrat skont l-Artikolu 34, ***jew kwalunkwe entità taħt superviżjoni oħra li tkun tinsab fl-Unjoni*** bi rwol ċar u definit sew fil-qafas ta' kontroll jew responsabbiltà tal-amministratur ta' pajjiż terz, li tkun tista' timmonitorja b'mod effettiv il-forniment ta' parametru referenzjarju tista' tapplika ***lill-awtorità kompetenti rilevanti*** għall-approvazzjoni ta' parametru referenzjarju jew familja ta' parametri referenzjarji pprovduti f'pajjiż terz għall-użu tagħhom fl-Unjoni, sakemm jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin: | "1. Amministratur li jkun jinsab fl-Unjoni u jkun awtorizzat jew irreġistrat skont l-Artikolu 34, bi rwol ċar u definit sew fil-qafas ta' kontroll jew responsabbiltà tal-amministratur ta' pajjiż terz, li tkun tista' timmonitorja b'mod effettiv il-forniment ta' parametru referenzjarju tista' tapplika ***lill-ESMA*** għall-approvazzjoni ta' parametru referenzjarju jew familja ta' parametri referenzjarji pprovduti f'pajjiż terz għall-użu tagħhom fl-Unjoni, sakemm jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin: |

Or. en

*https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=CELEX:02016R1011-20220101*

**Emenda 51**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 15b (ġdid)**
Regolament (UE) Nru 2016/1011
Artikolu 33 – paragrafu 3

| *Test fis-seħħ* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(15b) l-Artikolu 33, (3) huwa emendat kif ġej:*** |
| 3. Fi żmien 90 jum ta' xogħol minn meta tasal l-applikazzjoni għal approvazzjoni msemmija fil-paragrafu 1, ***l-awtorità kompetenti rilevanti*** għandha teżamina l-applikazzjoni u tadotta | "3. Fi żmien 90 jum ta' xogħol minn meta tasal l-applikazzjoni għal approvazzjoni msemmija fil-paragrafu 1, ***l-ESMA*** għandha teżamina l-applikazzjoni u tadotta deċiżjoni jew biex tawtorizza l- |

| | |
|---|---|
| deċiżjoni jew biex tawtorizza l-approvazzjoni jew biex tirrifjutaha. ***Parametru referenzjarju approvat jew familja ta' parametri referenzjarji approvati għandhom jiġu notifikati mill-awtoritajiet kompetenti lill-ESMA.*** | approvazzjoni jew biex tirrifjutaha. |

Or. en

*https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=CELEX:02016R1011-20220101*

**Emenda 52**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 15c (ġdid)**
Regolament (UE) Nru 2016/1011
Artikolu 33 – paragrafu 6

| *Test fis-seħħ* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(15c) l-Artikolu 33, (6) huwa emendat kif ġej:*** |
| 6. Meta l-awtorità kompetenti tal-amministratur ***jew entità taħt superviżjoni oħra*** li ***jagħtu*** l-approvazzjoni jkollha raġunijiet tajba biex tqis li l-kundizzjonijiet stabbiliti skont il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu ma għadhomx jiġu ssodisfati, hi għandu jkollha s-setgħa li tirrikjedi li l-amministratur ***jew entità taħt superviżjoni oħra*** li ***jkunu taw*** l-approvazzjoni ***jtemmu*** l-approvazzjoni, u għandha tinforma lill-ESMA b'dan. L-Artikolu 28 għandu japplika fil-każ ta' waqfien tal-approvazzjoni. | "6. Meta l-awtorità kompetenti tal-amministratur li ***tagħti*** l-approvazzjoni jkollha raġunijiet tajba biex tqis li l-kundizzjonijiet stabbiliti skont il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu ma għadhomx jiġu ssodisfati, hi għandu jkollha s-setgħa li tirrikjedi li l-amministratur li ***tkun tat*** l-approvazzjoni ***ttemm*** l-approvazzjoni, u għandha tinforma lill-ESMA b'dan. L-Artikolu 28 għandu japplika fil-każ ta' waqfien tal-approvazzjoni. |

Or. en

*https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=CELEX:02016R1011-20220101*

**Emenda 53**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 16 – punt a**
Regolament (UE) Nru 2016/1011
Artikolu 34 – paragrafu 1 – parti introduttorja

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Persuna fiżika jew ġuridika li tinsab fl-Unjoni li taġixxi jew li jkollha l-ħsieb li taġixxi bħala amministratur għandha tapplika mal-awtorità kompetenti ddiżinjata skont l-Artikolu 40 tal-Istat Membru fejn tkun tinsab dik il-persuna, sabiex tirċievi: | 1. Persuna fiżika jew ġuridika li tinsab fl-Unjoni li taġixxi jew li jkollha l-ħsieb li taġixxi bħala amministratur għandha tapplika mal-awtorità kompetenti ddiżinjata skont l-Artikolu 40 tal-Istat Membru fejn tkun tinsab dik il-persuna jew ***l-ESMA***, sabiex tirċievi: |

Or. en

**Emenda 54**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 16 – punt a**
Regolament (UE) Nru 2016/1011
Artikolu 34 – paragrafu 1 – punt a

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) awtorizzazzjoni meta tipprovdi jew ikollha l-ħsieb li tipprovdi indiċijiet li jintużaw jew li huma maħsuba biex jintużaw bħala parametri referenzjarji ta' importanza kritika, bħala parametri referenzjarji sinifikanti, bħala Parametri Referenzjarji tat-Tranżizzjoni Klimatika tal-UE jew bħala Parametri Referenzjarji tal-UE allinjati mal-Ftehim ta' Pariġi; | (a) awtorizzazzjoni meta tipprovdi jew ikollha l-ħsieb li tipprovdi indiċijiet li jintużaw jew li huma maħsuba biex jintużaw bħala parametri referenzjarji ta' importanza kritika, bħala parametri referenzjarji sinifikanti, ***bħala parametri referenzjarji tal-komoditajiet soġġetti għall-Anness II,*** bħala Parametri Referenzjarji tat-Tranżizzjoni Klimatika tal-UE jew bħala Parametri Referenzjarji tal-UE allinjati mal-Ftehim ta' Pariġi ***jew bħala Parametri Referenzjarji tal-ESG***; |

Or. en

**Emenda 55**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 16 – punt a**
Regolament (UE) Nru 2016/1011
Artikolu 34 – paragrafu 1 – punt b

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) reġistrazzjoni meta tkun entità taħt superviżjoni, għajr l-amministratur, li tipprovdi jew ikollha l-ħsieb li tipprovdi indiċijiet li jintużaw jew li huma maħsuba biex jintużaw bħala parametri referenzjarji sinifikanti, bħala Parametri Referenzjarji tat-Tranżizzjoni Klimatika tal-UE ***jew*** bħala Parametri Referenzjarji tal-UE allinjati mal-Ftehim ta' Pariġi, dment li l-attività tal-forniment ta' parametru referenzjarju ma tiġix ipprevenuta mid-dixxiplina settorjali li tapplika għall-entità taħt superviżjoni u li l-ebda wieħed mill-indiċijiet ipprovduti ma jikkwalifika bħala parametru referenzjarju ta' importanza kritika.; | (b) reġistrazzjoni meta tkun entità taħt superviżjoni, għajr l-amministratur, li tipprovdi jew ikollha l-ħsieb li tipprovdi indiċijiet li jintużaw jew li huma maħsuba biex jintużaw bħala parametri referenzjarji sinifikanti, bħala Parametri Referenzjarji tat-Tranżizzjoni Klimatika tal-UE***,*** bħala Parametri Referenzjarji tal-UE allinjati mal-Ftehim ta' Pariġi ***jew bħala Parametri Referenzjarji ESG***, dment li l-attività tal-forniment ta' parametru referenzjarju ma tiġix ipprevenuta mid-dixxiplina settorjali li tapplika għall-entità taħt superviżjoni u li l-ebda wieħed mill-indiċijiet ipprovduti ma jikkwalifika bħala parametru referenzjarju ta' importanza kritika.; |

Or. en

**Emenda 56**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 16 – punt aa (ġdid)**
Regolament (UE) Nru 2016/1011
Artikolu 34– paragrafu 1a

| *Test fis-seħħ* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(aa) il-paragrafu 1a huwa emendat kif ġej:*** |
| 1a. Fejn wieħed jew aktar mill-indiċijiet ipprovduti mill-persuna msemmija fil-paragrafu 1 ikunu jikkwalifikaw bħala parametri referenzjarji ta' importanza kritika kif imsemmi fil-punti (a) u (c) tal-Artikolu 20(1), l-applikazzjoni għandha tiġi indirizzata lill-ESMA. | "1a. Fejn wieħed jew aktar mill-indiċijiet ipprovduti mill-persuna msemmija fil-paragrafu 1 ikunu jikkwalifikaw bħala parametri referenzjarji ta' importanza kritika kif imsemmi fil-punti (a) u (c) tal-Artikolu 20(1), ***jew bħala parametri referenzjarji sinifikanti kif imsemmi fl-Artikolu 24(2), (5) u (6), jew jekk il-persuna tipprevedi l-approvazzjoni ta' parametri referenzjarji kif imsemmi fl-Artikolu 33,*** l-applikazzjoni għandha tiġi indirizzata lill-ESMA." |

Or. en

*https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=CELEX:02016R1011-20220101*

**Emenda 57**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 16 – punt b**
Regolament (UE) Nru 2016/1011
Artikolu 34 – paragrafu 3

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. L-applikazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandha ssir fi żmien 30 jum tax-xogħol minn kwalunkwe ftehim li tagħmel entità taħt superviżjoni biex tuża indiċi pprovdut mill-applikant bħala referenza ***għal*** strument finanzjarju jew kuntratt finanzjarju jew biex titkejjel il-prestazzjoni ta' fond ta' investiment, jew fil-limiti taż-żmien stabbiliti fl-Artikolu 24a(2) u (3), kif applikabbli. | 3. L-applikazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandha ssir fi żmien 30 jum tax-xogħol minn kwalunkwe ftehim li tagħmel entità taħt superviżjoni biex tuża indiċi pprovdut mill-applikant bħala referenza ***fi*** strument finanzjarju jew kuntratt finanzjarju jew biex titkejjel il-prestazzjoni ta' fond ta' investiment, jew fil-limiti taż-żmien stabbiliti fl-Artikolu 24a(2) u (3), kif applikabbli. |

Or. en

**Emenda 58**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 16a (ġdid)**
Regolament (UE) Nru 2016/1011
Artikolu 36 – paragrafu 1 – punti a sa c

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(16a) l-Artikolu 36(1), punti (a) sa (c), huma emendati kif ġej:*** |
| 1. L-ESMA għandha tistabbilixxi u żżomm reġistru pubbliku li jkun fih l-informazzjoni li ġejja: | "1. L-ESMA għandha tistabbilixxi u żżomm reġistru pubbliku li jkun fih l-informazzjoni li ġejja: |
| (a) l-identitajiet tal-amministraturi awtorizzati jew irreġistrati skont l-Artikolu 34 u, l-awtoritajiet kompetenti responsabbli għas-superviżjoni tagħhom; | (a) l-identitajiet ***inkluż l-Identifikatur ta' Entità Ġuridika (LEI)*** tal-amministraturi awtorizzati jew irreġistrati skont l-Artikolu 34 u, l-awtoritajiet kompetenti responsabbli għas-superviżjoni |

| | |
|---|---|
| | tagħhom; |
| (b) l-identitajiet ta' amministraturi li jikkonformaw mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 30(1), il-lista ta' parametri referenzjarji ***msemmija*** fil-punt (c) tal-Artikolu 30(1) u l-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiż terz responsabbli għas-superviżjoni tagħhom; | (b) l-identitajiet ***inkluż il-LEI*** ta' amministraturi li jikkonformaw mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 30(1), il-lista ta' parametri referenzjarji ***inklużi n-Numri Internazzjonali għall-Identifikazzjoni tat-Titoli (ISINs) tagħhom imsemmija*** fil-punt (c) tal-Artikolu 30(1) u l-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiż terz responsabbli għas-superviżjoni tagħhom; |
| (c) l-identitajiet tal-amministraturi li jkunu akkwistaw ir-rikonoxximent skont l-Artikolu 32, il-lista ta' parametri referenzjarji ***msemmija*** fl-Artikolu 32(7) u, fejn applikabbli, l-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiż terz responsabbli għas-superviżjoni tagħhom; | (c) l-identitajiet ***inkluż il-LEI*** tal-amministraturi li jkunu akkwistaw ir-rikonoxximent skont l-Artikolu 32, il-lista ta' parametri referenzjarji ***inklużi l-ISINs tagħhom i*****msemmija*** ***msemmija*** fl-Artikolu 32(7) u, fejn applikabbli, l-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiż terz responsabbli għas-superviżjoni tagħhom; |

Or. en

*https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=CELEX:02016R1011-20220101*

**Emenda 59**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 17 – parti introduttorja**
Regolament (UE) Nru 2016/1011
Artikolu 36 – paragrafu 1 – punti e sa j

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (17) fl-Artikolu ***36(1)***, jiżdiedu ***l-punt (e) sa (j)*** li ġejjin: | (17) fl-Artikolu ***36, (1)***, jiżdiedu ***l-punti*** li ġejjin: |

Or. en

**Emenda 60**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 17**
Regolament (UE) Nru 2016/1011
Artikolu 36 – paragrafu 1 – punt e

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (e) il-parametri referenzjarji soġġetti għal dikjarazzjoni ppubblikata mill-ESMA jew minn awtorità kompetenti skont l-Artikolu 24(2), u l-iperlinks għal tali dikjarazzjonijiet; | (e) il-parametri referenzjarji***, inklużi l-ISINs tagħhom,*** soġġetti għal dikjarazzjoni ppubblikata mill-ESMA jew minn awtorità kompetenti skont l-Artikolu 24(2), u l-iperlinks għal tali dikjarazzjonijiet; |

Or. en

**Emenda 61**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 17**
Regolament (UE) Nru 2016/1011
Artikolu 36 – paragrafu 1 – punt f

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (f) il-parametri referenzjarji soġġetti għal dežinjazzjonijiet mill-awtoritajiet kompetenti nnotifikati lill-ESMA skont l-Artikolu 24(4), u l-iperlinks għal tali dežinjazzjonijiet; | (f) il-parametri referenzjarji***, inklużi l-ISINs tagħhom,*** soġġetti għal dežinjazzjonijiet mill-awtoritajiet kompetenti nnotifikati lill-ESMA skont l-Artikolu 24(4), u l-iperlinks għal tali dežinjazzjonijiet; |

Or. en

**Emenda 62**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 17**
Regolament (UE) Nru 2016/1011
Artikolu 36 – paragrafu 1 – punt g

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (g) il-parametri referenzjarji soġġetti għal dežinjazzjonijiet mill-ESMA, u l-iperlinks għal tali dežinjazzjonijiet; | (g) il-parametri referenzjarji***, inklużi l-ISINs tagħhom,*** soġġetti għal dežinjazzjonijiet mill-ESMA, u l-iperlinks għal tali dežinjazzjonijiet; |

Or. en

**Emenda 63**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 17**
Regolament (UE) Nru 2016/1011
Artikolu 36 – paragrafu 1 – punt h

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (h) il-parametri referenzjarji soġġetti għal avviżi pubbliċi maħruġa mill-ESMA u mill-awtoritajiet kompetenti skont l-Artikolu 24a(5), u l-iperlinks għal tali avviżi pubbliċi.; | (h) il-parametri referenzjarji***, inklużi l-ISINs tagħhom,*** soġġetti għal avviżi pubbliċi maħruġa mill-ESMA u mill-awtoritajiet kompetenti skont l-Artikolu 24a(5), u l-iperlinks għal tali avviżi pubbliċi.; |

Or. en

**Emenda 64**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 17**
Regolament (UE) Nru 2016/1011
Artikolu 36 – paragrafu 1 – punt i

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (i) il-lista ta' Parametri Referenzjarji tat-Tranżizzjoni Klimatika tal-UE u Parametri Referenzjarji tal-UE allinjati mal-Ftehim ta' Pariġi disponibbli għall-użu fl-Unjoni; | (i) il-lista ta' Parametri Referenzjarji tat-Tranżizzjoni Klimatika tal-UE u Parametri Referenzjarji tal-UE allinjati mal-Ftehim ta' Pariġi***, inklużi l-ISINs tagħhom,*** disponibbli għall-użu fl-Unjoni; |

Or. en

**Emenda 65**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 17**
Regolament (UE) Nru 2016/1011
Artikolu 36 – paragrafu 1 – punt j

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (j) il-lista ta' parametri referenzjarji ta' importanza kritika**.**; | (j) il-lista ta' parametri referenzjarji ta' importanza kritika, ***inklużi l-ISINs tagħhom***; |

Or. en

**Emenda 66**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 17**
Regolament (UE) Nru 2016/1011
Artikolu 36 – paragrafu 3 – punt ja (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ja) il-lista tal-Parametri Referenzjarji ESG, inklużi l-ISINs tagħhom, disponibbli għall-użu fl-Unjoni";*** |

Or. en

**Emenda 67**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 17**
Regolament (UE) Nru 2016/1011
Artikolu 36 – paragrafu 3 – punt jb (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(jb) il-lista ta' parametri referenzjarji tal-komoditajiet soġġetti għall-Anness II disponibbli għall-użu fl-Unjoni.*** |

Or. en

**Emenda 68**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 17a (ġdid)**

Regolament (UE) Nru 2016/1011
Artikolu 40 – paragrafu 1

| *Test fis-seħħ* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(17a) Artikolu 40(1) huwa emendat kif ġej:*** |
| 1. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament l-ESMA għandha tkun l-awtorità kompetenti għal: | "1. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament l-ESMA għandha tkun l-awtorità kompetenti għal: |
| (a) amministraturi ta' parametri referenzjarji ta' importanza kritika kif imsemmi fil-punti (a) u (c) tal-Artikolu 20(1); | (a) amministraturi ta' parametri referenzjarji ta' importanza kritika kif imsemmi fil-punti (a) u (c) tal-Artikolu 20(1); |
| (b) amministraturi tal-parametri referenzjarji msemmija fl-Artikolu 32**.** | (b) amministraturi tal-parametri referenzjarji msemmija fl-Artikolu 32***;*** |
| | ***(c) amministraturi tal-parametri referenzjarji li huma sinifikanti fl-Unjoni kif imsemmi fl-Artikolu 24(2), (5) u (6);*** |
| | ***(d) amministraturi li japprovaw parametri referenzjarji pprovduti f'pajjiż terz skont l-Artikolu 33.*****"** |

Or. en

*https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=CELEX:02016R1011-20220101*

**Emenda 69**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 19a (ġdid)**
Regolament (UE) Nru 2016/1011
Artikolu 48e – paragrafu 1 – parti introduttorja

| *Test fis-seħħ* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(19a) fl-Artikolu 48e(1), il-parti introduttorja hija emendata kif ġej:*** |
| 1. Fejn, f'konformità mal-Artikolu 48i(5), l-ESMA ssib li persuna tkun wettqet wieħed mit-tipi ta' ksur elenkati fil-punt (a) tal-Artikolu 42(1), hija għandha tieħu waħda jew aktar mill-azzjonijiet li ġejjin: | "1. Fejn, f'konformità mal-Artikolu 48i(5), l-ESMA ssib li persuna tkun wettqet wieħed mit-tipi ta' ksur elenkati fil-punt (a) tal-Artikolu 42(1), ***jew kwalunkwe nuqqas ta' kooperazzjoni jew konformità f'investigazzjoni jew ma' spezzjoni jew talba koperti mit-Taqsima 1*** |

***ta' dan il-Kapitolu,*** hija għandha tieħu waħda jew aktar mill-azzjonijiet li ġejjin:***"***

Or. en

*https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=CELEX:02016R1011-20220101*

**Emenda 70**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 19b (ġdid)**
Regolament (UE) Nru 2016/1011
Artikolu 48f – paragrafu 1 – subparagrafu 1

| *Test fis-seħħ* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(19b) fl-Artikolu 48f(1), l-ewwel subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:*** |
| 1. Fejn, f'konformità mal-Artikolu 48i(5), l-ESMA ssib li kwalunkwe persuna wettqet, intenzjonalment jew b'mod negliġenti, wieħed jew aktar mit-tipi ta' ksur elenkati fil-punt (a) tal-Artikolu 42(1), hija għandha tadotta deċiżjoni li timponi multa f'konformità mal-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu. ***Ksur għandu jitqies bħala li twettaq intenzjonalment jekk l-ESMA ssi fatturi oġġettivi li juru li persuna aġixxiet deliberatament biex twettaq il-ksur.*** | "1. Fejn, f'konformità mal-Artikolu 48i(5), l-ESMA ssib li kwalunkwe persuna wettqet, intenzjonalment jew b'mod negliġenti, wieħed jew aktar mit-tipi ta' ksur elenkati fil-punt (a) tal-Artikolu 42(1), ***jew kwalunkwe nuqqas ta' kooperazzjoni jew nuqqas ta' konformità f'investigazzjoni jew ma' spezzjoni jew ma' talba koperta mit-Taqsima 1 ta' dan il-Kapitolu,*** hija għandha tadotta deċiżjoni li timponi multa f'konformità mal-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu. |

Or. en

*https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=CELEX:02016R1011-20220101*

**Emenda 71**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 21**
Regolament (UE) Nru 2016/1011
Artikolu 51 – paragrafu 4c

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4c. L-awtoritajiet kompetenti u l-ESMA ***għandhom jiżguraw*** li l-amministraturi ta' parametri referenzjarji li | 4c. L-awtoritajiet ***nazzjonali*** kompetenti li ***biħsiebhom jiddiżinjaw parametru referenzjarju pprovdut minn*** |

kienu awtorizzati, irreġistrati, approvati jew rikonoxxuti fi ***[PO jekk jogħġbok daħħal id-data*** = id-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament emendatorju] ***jistgħu jibbenefikaw minn proċedura simplifikata*** meta ***japplikaw*** għar-reġistrazzjoni, għar-rikonoxximent, jew għall-approvazzjoni tal-awtorizzazzjoni skont l-Artikolu 24a(1), (2), jew (3), kif applikabbli***, sa …*** [***PO jekk jogħġbok daħħal id-data*** = id-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament emendatorju + ***sentejn***]***;***

***amministratur li ġie inkluż fir-reġistru tal-ESMA fi...[id-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament emendatorju – jum wieħed]*** u l-ESMA li ***biħsiebha tiddiżinja parametru referenzjarju li kien inkluż fir-reġistru tal-ESMA jew li l-amministratur tiegħu kien inkluż fir-reġistru tal-ESMA fi...[id-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament emendatorju – jum wieħed] għandhom jagħmlu dan sa*... ***[sitt xhur mid-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament emendatorju].***

L-amministraturi ta' parametri referenzjarji li kienu awtorizzati, irreġistrati, approvati jew rikonoxxuti fi ...[id-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament emendatorju] ***għandhom iżommu dan l-istatus għal sitt xhur wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament emendatorju.*** Meta ***wieħed jew aktar mill-parametri referenzjarji tagħhom huma ddiżinjati sa... [fi żmien sitt xhur wara d-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament emendatorju], l-amministraturi ddiżinjati ma għandhomx ikunu obbligati japplikaw mill-ġdid*** għar-reġistrazzjoni, għar-rikonoxximent, jew għall-approvazzjoni tal-awtorizzazzjoni skont l-Artikolu 24a(1), (2), jew (3), kif applikabbli***.";***

***L-amministraturi ta' parametri referenzjarji sinifikanti li ġew awtorizzati, irreġistrati, approvati jew rikonoxxuti fi***...[ id-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament emendatorju] ***ma għandhomx ikunu obbligati jerġgħu japplikaw għall-awtorizzazzjoni, ir-reġistrazzjoni, ir-rikonoxximent, jew l-approvazzjoni skont l-Artikolu 24a(1) meta parametru referenzjarju wieħed jew aktar tagħhom ikunu sinifikanti skont l-Artikolu 24(1)(a)."***

Or. en

**Emenda 72**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 21a (ġdid)**
Regolament (UE) Nru 2016/1011
Artikolu 53 – paragrafu 1

| *Test fis-seħħ* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***(21a) l-Artikolu 53, paragrafu 1 huwa mħassar*** |

Or. en

*https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=CELEX:02016R1011-20220101*